# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta’ nhar t-Tnejn 4 ta’ Gunju 2001**

**Avviz. numru 29/01**

**Numru 37**

**Allied Insurance Agency Limited**

**vs**

**Bezzina Bros Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ tlett mija u wiehed u hamsin Liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm351.88) mis-socjeta konvenuta dovuti rappresentanti s-somma dovuta ghal “premia” fuq poloz ta’ assikurazzjoni mahruga mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata t-28 ta’ Settembru 2000 u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament. Is-socjeta konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-nota ta’ cessjoni tallum stess li biha is-socjeta attrici cediet l-istess meritu tal-kawza pero zammet ferm fuq il-kap tal-ispejjez.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fi-23 ta' Mejju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra (ara il-verbali tas-seduti tat-23 ta' Mejju 2001 u tal-4 ta' Gunju 2001).

Tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu tilqa t-talba tas-socjeta attrici in rigward il-kap tal-ispejjez u tikkundanna lill-istess socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici l-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Settembru 2000.

Alan Calleja
Dep.Reg